



Brussell, 22 ta' Jannar 2025
(OR. en)

16664/24

Fajl Interistituzzjonal:
2024/0306(NLE)

FRONT 331
COWEB 204
MIGR 455

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Herzegovina dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Herzegovina

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni,
u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Herzegovina
dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea
għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Herzegovina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 77(2), il-punti (b) u (d), u l-Artikolu 79(2), il-punt (c), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,
Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Novembru 2022, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Bożnija-Herzegovina għal ftehim dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Herzegovina (il-“Ftehim”). In-negozjati ġew konklużi b’suċċess.
- (2) Skont l-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, f'ċirkostanzi li jirrikjedu l-istazzjonament ta’ timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Frontiera u tal-Kosta f’pajjiż terz li fih il-membri tat-timijiet ser jeżerċitaw setgħat eżekkutivi, jeħtieġ li jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus mill-Unjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat abbażi tal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE²; għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Frontiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta’ Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f’xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2002/192/oj>).

- (4) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fī żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni, jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.
- (5) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat u li d-Dikjarazzjoni mehmuża fir-rigward tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein tiġi approvata, f'isem l-Unjoni.
- (6) Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-possibbiltà ta' skjerament urġenti tal-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Frontiera u tal-Kosta fit-territorju tal-Bożnija-Herzegovina, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi applikat b'mod proviżorju,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

L-Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Herzegovina dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Herzegovina (il-“Ftehim”) huwa b’dan awtorizzat f’isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

L-Artikolu 2

Id-Dikjarazzjoni mehmuża ma’ din id-Deċiżjoni għandha tīgħi approvata f’isem l-Unjoni.

L-Artikolu 3

Il-Ftehim għandu jiġi applikat b’mod provviżorju, f’konformità mal-Artikolu 22(3) tal-Ftehim, mid-data tal-firma tiegħu, sakemm jidħol fis-seħħi.

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fī ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

DIKJARAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-IŻLANDA,
IR-RENJU TAN-NORVEĠJA,
IL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA
U L-PRINĊIPAT TAL-LIECHTENSTEIN

Il-Partijiet għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Herzegovina dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Herzegovina jieħdu nota tar-relazzjoni mill-qrib bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħħa waħda, u l-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, min-naħħa l-oħra, b'mod partikolari bis-saħħha, rispettivament, tal-Ftehimiet tat-18 ta' Mejju 1999 u tas-26 ta' Ottubru 2004 u l-Protokoll tat-28 ta' Frar 2008 dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk il-pajjiżi mal-implementazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

F'ċirkostanzi bħal dawn huwa mixtieq li l-awtoritajiet tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, minn naħħa, u l-Bożnija-Herzegovina, min-naħħa l-oħra, jikkonkludu, mingħajr dewmien, ftehimiet bilaterali dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Herzegovina f'termini simili għal dawk tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Herzegovina dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Herzegovina.
